MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 30 ta' Mejju 2007

**Dikjarazzjoni ta' Governanza tal-Kummissjoni Ewropea**

# Dikjarazzjoni ta' Governanza tal-Kummissjoni Ewropea

Il-missjoni tal-Kummissjoni Ewropea hi li tippromwovi l-interess ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Tagħmel dan billi tipparteċipa fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari billi tippreżenta proposti għal-liġi Ewropea, billi ssegwi l-implimentazzjoni korretta tat-Trattati u l-liġi Ewropea, u billi twettaq politiki komuni u tmexxi l-fondi.

Din id-dikjarazzjoni ta' governanza tkopri l-funzjonament intern tal-Kummissjoni: l-atturi, l-ippjanar strateġiku, il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u kontabilità, il-qafas ta' ftuħ u trasparenza, il-mekkaniżmu li jipprevedi qafas regolatorju ta' kwalità fl-UE, u finalment il-miżuri li jippromwovu l-etika fil-Kummissjoni.

## 1. L-ATTURI: FUNZJONIJIET DIVERSIFIKATI GĦAL RESPONSABBILTAJIET ĊARI

Il-Kummissjoni għandha struttura ta' governanza unika. L-oriġini tagħha jinsabu fit-Trattati, imma l-istruttura evolviet sabiex taqbel mar-rwol tal-Kummissjoni li jinbidel u tirrifletti l-progress imwettaq fil-governanza Ewropea. Il-Kulleġġ tal-Kummissarji jirrappreżenta l-quċċata ta' din l-arkitettura, jiddefinixxi l-politika u jieħu d-deċiżjonijiet: dan jerfa' r-responsabbiltà politika għall-azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni. L-implimentazzjoni operattiva hi delegata lid-Direttorati Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizzi, li jmexxu l-istruttura amministrattiva tal-Kummissjoni. Ir-responsabbiltajiet differenti huma ippreżentati hawn taħt.

### 1.1. Il-Kulleġġ tal-Kummissarji

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (l-Artikoli 211-219) jippreskrivi fid-dettal dak li hu mitlub mill-Kummissarji - bħala Kulleġġ, u bħala individwi - skond il-liġi.

Il-Kummissjoni taħdem taħt id-direzzjoni politika tal-President tagħha, li jiddeċiedi l-organizzazzjoni interna tagħha sabiex ikun żgurat li din taħdem b'mod konsistenti, effiċjenti u fuq il-bażi ta' kolleġġjalità. Dan il-prinċipju ta' kolleġġjalità, li jirregola x-xogħol kollu tal-Kummissjoni, ifisser li l-membri tal-Kummissjoni huma lkoll responsabbli b'mod konġunt għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet li jittieħdu.

Dwar il-Kummissarji bħala individwi, it-Trattat tal-KE jgħid li l-Membri tal-Kummissjoni għandhom jintgħażlu fuq il-bażi **tal-kompetenza ġenerali tagħhom**. Huma kompletament indipendenti fit-twettiq ta' dmirijiethom. Dan ifisser li huma la jfittxu u lanqas ma jieħdu struzzjonijiet minn xi gvern jew kwalunkwe korp ieħor. Jekk xi Kummissarju ma jkunx f'qagħda li jilħaq il-kundizzjonijiet mitluba għat-twettiq ta' dmirijietu/dmirijietha jew jekk hu/hi jkunu nstabu ħatja ta' mġiba ħażina serja, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' ġġegħelhom jirtiraw. Membru tal-Kummissjoni għandu jirriżenja jekk il-President jitlob dan, u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kulleġġ.

Il-Kummissjoni twettaq ukoll firxa importanti ta' ħidmiet finanzjarji u ta' tmexxija. F'konformità mar-regoli finanzjarji eżistenti, l-arranġamenti interni mwaqqfa mill-Kulleġġ bejniethom jiffurmaw struttura ta' kontrolli u għodod ta' tmexxija b'saħħithom li jippermettu lill-Kulleġġ li jwettaq ir-responsabbiltajiet politiċi tiegħu.

## 1.2. Id-Diretturi-Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizz

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni u l-Kodiċi ta' kondotta tal-Kummissarji, adottati mill-Kummissjoni fil-bidu tat-terminu tagħha, jistabbilixxu r-**relazzjonijiet bejn il-Membri tal-Kummissjoni u s-servizzi tagħhom**. Huma bbażati fuq il-prinċipji ta' lealtà, fiduċja u trasparenza. Il-Membri tal-Kummissjoni jirċievu informazzjoni mis-servizzi proprji tagħhom kif ukoll mis-servizzi ċentrali, sabiex ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltà politika tagħhom u r-rwol tagħhom ta' superviżjoni. Għandhom jieħdu ħsieb l-implimentazzjoni tal-prioritajiet politiċi li stabbilixxew f'konformità mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-Kulleġġ u l-membri tiegħu għandhom il-possibbiltajiet li jagħtu struzzjonijiet lis-servizzi rispettivi.

Ikunu stabbiliti metodi ta' ħidma bejn kull Kummissarju u d-Diretturi Ġenerali li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu. Dawn ir-regoli jipprevedu b'mod partikolari l-obbligu għas-servizzi li jindikaw lill-Membru tal-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni li tista' tqiegħed f'dubju r-responsabbiltà tiegħu/tagħha jew dik tal-Kulleġġ.

L-implimentazzjoni operattiva tal-baġit hi formalment delegata lid-Diretturi Ġenerali jew lill-Kapijiet ta' Servizz differenti. Din id-delegazzjoni tkun deċiża annwalment. Bħala Uffiċjali Delegati Awtorizzanti, huma **responsabbli għall-ġestjoni tajba u effiċjenti tar-riżorsi** u **sabiex iwaqqfu sistemi ta' kontroll adekwati u effiċjenti** biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tad-dipartiment tagħhom. L-Uffiċjali Delegati Awtorizzanti jistgħu formalment jagħmlu sotto-delegazzjoni ta' responsabbiltà lil staff xieraq sabiex jawtorizza n-nefqa u d-dħul f'isimhom.

Il-Kummissarju kompetenti għal kull qasam ta' politika jissorvelja l-implimentazzjoni tal-baġit mid-Direttur Ġenerali jew il-Kap tas-Servizz.

Sabiex jiżgura li r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit ma tkunx f'idejn persuna waħda biss, it-twettiq ta' l-estimi għandu jkun assistit bi staff ieħor. Mill-inqas żewġ persuni għandhom ikunu involuti fl-awtorizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet tal-baġit (waħda sabiex tibda t-tranżazzjoni u l-oħra sabiex tivverifika u tawtorizza).

Fit-twettiq ta' l-estimi, l-Uffiċjali Delegati Awtorizzanti għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu u għandhom jistabbilixxu sistemi xierqa ta' kontroll intern skond l-**Istandards ta' Kontroll Intern** tal-Kummissjoni. Dawn l-Istandards jikkostitwixxu l-qafas bażiku ta' kontroll intern li għandu jkun applikat fil-Kummissjoni kollha sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti jitwettqu.

Filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji fin-nefqa ta' l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll intern, is-sistema ta' kontroll hi intiża sabiex **tipprovdi assigurazzjoni raġjonevoli**, u mhix assoluta, li l-attivitajiet operattivi jkunu effettivi u effiċjenti, li t-tranżazzjonijiet ikunu legali u regolari, li r-rappurtar finanzjarju u ta' tmexxija jkun affidabbli, li l-assi u l-informazzjoni jkunu salvagwardjati u, finalment, li l-għanijiet jinkisbu. Is-sistemi ta' kontroll intern huma riveduti regolarment sabiex jiżguraw kontroll effettiv bi prezz raġjonevoli.

Kull Uffiċjal Delegat Awtorizzanti hu appoġġjat minn **Direttur tar-Riżorsi** u/jew **Koordinatur tal-Kontroll Intern** sabiex jissorveljaw u jispezzjonaw l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern fid-dipartiment tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tista' tiddelega wkoll l-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi lil **aġenziji eżekuttivi**. L-arkitettura ta' governanza ta' l-aġenziji eżekuttivi hi deskritta fir-Regolament ta' l-2002 li jistabbilixxi l-istatut ta' tali aġenziji[1] u hi definita aktar fl-att ta' delegazzjoni nnifsu. Kull aġenzija hi mmexxija minn Direttur u minn Kumitat Diriġenti magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni, li tadotta l-programm ta' ħidma annwali ta' l-aġenzija li jkun fih għanijiet dettaljati u indikaturi ta' prestazzjoni, kif ukoll il-baġit amministrattiv ta' l-aġenzija. L-arranġamenti tal-Kummissjoni għall-ippjanar, ir-rappurtar, is-sistemi ta' kontroll intern, il-verifika interna u l-kontijiet japplikaw bis-sħiħ għall-aġenziji eżekuttivi.

## 1.3. L-Uffiċjal tal-Kontabilità

**L-Uffiċjal tal-Kontabilità** tal-Kummissjoni jwettaq l-ordinijiet ta' ħlas u rkupru mfassla mill-uffiċjali awtorizzanti u hu responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor; jistabbilixxi r-regoli u l-metodi ta' kontabilità, jivvalida s-sistemi ta' kontabilità, iżomm il-kontijiet u jfassal id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' l-istituzzjoni, kif ukoll għall-konsolidazzjoni ta' dawn il-kontijiet ma' dawk ta' istituzzjonijiet oħra.

L-Uffiċjal ta' Kontabilità jiffirma wkoll il-kontijiet, jiċċertifika li għamel/għamlet l-eżaminazzjonijiet li hu/hi jqisu bħala meħtieġa u li jkunu sodisfatti li tħejjew skond ir-regoli ta' kontabilità, il-metodi u s-sistemi ta' kontabilità stabbiliti taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, li hu/hi jkunu wettqu kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa għal preżentazzjoni vera u ġusta tal-kontijiet skond ir-regoli finanzjarji, u li jkunu għalhekk affidabbli.

## 1.4. Is-Servizz Finanzjarju Ċentrali

Is-Servizz Finanzjarju Ċentrali tal-Kummissjoni hu s-servizz ewlieni f'dak li jirrigwarda r-**Regolament Finanzjarju** u l-qafas ta' kontroll intern. Jipprovdi wkoll appoġġ u pariri lil dipartimenti oħra tal-Kummissjoni dwar materji marbuta ma' ġestjoni finanzjarja, inkluża l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju. Is-Servizz jiżviluppa standards u linji gwida, u jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-qasam sabiex jgħinu lill-uffiċjali awtorizzanti biex jassumu r-responsabbiltajiet ta' ġestjoni finanzjarja tagħhom.

## 1.5. L-arkitettura ta' Verifika Interna

- Is-**Servizz ta' Verifika Interna (IAS)** hu servizz tal-Kummissjoni mmexxi mill-Awditur Intern tal-Kummissjoni. Il-missjoni tiegħu hi li joħroġ **fehmiet indipendenti ta' verifika** dwar il-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u li jippreżenta **rakkomandazzjonijiet** immirati biex jiżguraw il-kisba effiċjenti u effettiva ta' l-għanijiet tal-Kummissjoni.
- Fid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni jeżistu **Kapaċitajiet ta' Verifika Interna (IAC)**. Ir-rwol tagħhom hu li jassistu lid-Direttur Ġenerali u lit-tmexxija fid-Direttorati Ġenerali tagħhom fil-kontroll ta' riskji u s-sorveljanza tal-konformità, b'mod partikolari, ma' l-istandards ta' kontroll intern. Jipprovdu fehma

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għal aġenziji eżekuttivi sabiex ikunu fdati b'ċerti ħidmiet fil-ġestjoni ta' programmi Komunitarji (ĠU L 11, 16.1.2003).

indipendenti u oġġettiva dwar il-kwalità ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll intern, u b'hekk jikkontribwixxu għall-assigurazzjoni raġjonevoli espressa fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet sabiex itejbu l-effiċjenza u l-effettività ta' l-operazzjonijiet u jiżguraw l-ekonomija fl-użu tar-riżorsi tad-Direttorati Ġenerali.

– Il-**Kumitat dwar il-Progress ta' Verifika (APC)** hu magħmul minn sa seba' Kummissarji u żewġ esperti esterni fil-verifika u jiżgura l-indipendenza ta' l-IAS. Taħt iċ-*Charter* tiegħu, il-Kumitat dwar il-Progress tal-Verifika jirrapporta annwalment lill-Kulleġġ dwar il-kwalità tax-xogħol ta' verifika interna u fuq is-segwitu mwettaq mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjonijiet minn għejun varji: l-Awditur Intern, il-Kapaċitajiet ta' Verifika Interna, il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, u materji marbuta ma' verifika fis-soluzzjonijiet ta' twettiq adottati mill-Parlament Ewropew. Lil hinn minn dawn l-obbligi formali ta' rappurtar, ir-rwol ta' l-APC hu wieħed preventiv, li jiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjonijiet li, jekk jitħallew mhux indirizzati mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, jistgħu jeffettwaw serjament ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni. F'dan is-sens, il-Kumitat jaħdem sabiex iżid l-effettività tas-segwitu mogħti mid-Dipartimenti tal-Kummissjoni lir-rakkomandazzjonijiet ta' verifika relevanti, inkun x'ikun is-sors tagħhom.

### 1.6. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

Il-missjoni ta' l-**Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi** hi li jħares l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, li jiġġieled il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività irregolari oħra, inkluża mġiba ħażina fl-Istituzzjonijiet Ewropej. Jagħmel dan billi jwettaq, b'indipendenza sħiħa, investigazzjonijiet interni u esterni, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. L-OLAF jaħdem ukoll mad-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea biex jiżgura li kull leġiżlazzjoni ġdida b'implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti tkun "resistenti għall-frodi". L-OLAF jopera fil-qafas ġenerali stabbilit għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995.

### 1.7. L-Uffiċċju ta' Investigazzjoni u Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC)

L-Uffiċċju ta' Investigazzjoni u Dixxiplina tal-Kummissjoni jwettaq stħarriġ amministrattiv imparzjali u jħejji proċeduri ta' dixxiplina. L-IDOC jittratta l-kwistjonijiet kollha li ma jkunux qed jiġu investigati mill-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi.

## 2. IPPJANAR STRATEĠIKU U PROGRAMMAZZJONI: STRATEĠIJA LEJN GĦANIJIET ĊARI

### 2.1. Fil-livell ta' korpi

Fil-bidu tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni tistabbilixxi **l-għanijiet strateġiċi** għall-ħames snin li ġejjin. Dawn l-għanijiet jinħadmu fi prioritajiet aktar dettaljati sena b'sena **fl-Istrateġija Annwali ta' Politika**.

Il-prioritajiet politiċi stabbiliti permezz ta' Strateġija Annwali ta' Politika jiġu tradotti f'għanijiet operattivi permezz tal-**Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-**

Kummissjoni. L-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma hi sorveljata mill-qrib mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni sabiex ikun żgurat li ħwejjeġ ta' prijorità jitwasslu f'waqthom u b'mod koerenti fil-Kummissjoni.

## 2.2. Fil-livell tad-dipartimenti tal-Kummissjoni

It-Tmexxija Ibbażata fuq l-Attività (ABM) hi metodoloġija ta' tmexxija integrata li tippermetti l-prijoritizzazzjoni, l-ippjanar, l-ibbaġitjar, it-tmexxija u r-rappurtar taħt sett ta' oqsma koerenti ta' azzjoni, imsejħa attivitajiet. L-ABM tfittex li tiżgura li r-riżorsi umani u finanzjarji jaqblu ma' l-ambizzjonijiet ta' politika. Min-naħa ta' l-estimi, in-nomenklatura ta' l-Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività (ABB) tifforma l-istruttura tal-baġit Komunitarju u tfittex li tagħmel trasparenti n-nefqa globali ta' kull politika.

Il-Kummissjoni żviluppat sett ta' madwar 230 attività distinta, li ġew raggruppati f'madwar 30 qasam koerenti ta' politika. Għal kull attività, ikunu stabbiliti **għanijiet speċifiċi**, li jkunu riflessi fil-Pjani Annwali ta' Tmexxija stabbiliti mid-dipartiment tal-Kummissjoni li jimplimenta din l-attività. Id-dipartiment responsabbli jissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' tmexxija tiegħu permezz ta' indikaturi li jakkumpanjaw kull għan u jirrapporta dwar il-kisba ta' għanijiet ewlenin ta' politika permezz tar-Rapport ta' Attività Annwali.

## 2.3. Il-Grupp ta' Tmexxija ta' l-ABM

Il-Grupp ta' Tmexxija ta' l-ABM hu presedut mis-Segretarju Ġenerali u jressaq flimkien Diretturi Ġenerali u l-kabinetti responsabbli għas-servizzi ċentrali. Jikkoordina d-domandi strateġiċi marbuta ma' strumenti orizzontali bħall-ippjanar strateġiku u l-ipprogrammar u l-kontroll intern u regolarment jirrevedi l-adekwatezza tal-proċessi korporattivi tal-Kummissjoni.

# 3. RESPONSABBILITÀ U AFFIDABBILTÀ: IT-TWETTIQ TA' L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT F'AMBJENT KUMPLESS

Ir-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit qiegħda f'idejn il-Kummissjoni Ewropea. Madanakollu, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

## 3.1. Kif tiġi espressa r-responsabbiltà tal-Kummissjoni

Kull sena, id-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet ta' Servizz jipprovdu rapport ta' tmexxija (imsejjaħ ir-Rapport Annwali ta' Tmexxija) li jinkludi l-firma ta' dikjarazzjoni ta' żgurazzjoni fuq l-eżerċizzju tar-responsabbiltà operattiva tagħhom bħala Uffiċjali Delegati Awtorizzanti.

Sussegwentement, il-Kummissjoni tadotta kull sena Sinteżi ta' kisbiet ta' tmexxija, li permezz tagħhom tassumi r-responsabbiltà politika tagħha għat-tmexxija mid-Direttorati Ġenerali u l-Kapijiet ta' Servizz tagħha, fuq il-bażi tar-Rapporti Annwali ta' Attività tagħhom. F'każijiet fejn id-Diretturi Ġenerali jew il-Kapijiet ta' Servizz ikunu għamlu riżervi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħhom, is-sinteżi annwali tippreżenta l-ewwel analiżi ta' kif ser jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet.

Teżamina wkoll perspettivi lil hinn mir-Rapporti Annwali ta' Attività u tindirizza għadd ta' kwistjonijiet transversali importanti mqajma minn korpi li jinkludu l-Awditur Intern, il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri.

### 3.2. Responsabbiltà meta l-implimentazzjoni tal-baġit tkun tinvolvi atturi oħra

F'ħafna każijiet, il-ħlasijiet għall-benefiċjarji finali ma jsirux direttament mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Proporzjon għoli tal-baġit hu mmexxi f'assoċjazzjoni ma' l-Istati Membri, notevolment fl-oqsma ta' fondi strutturali u agrikoltura. Xi ħidmiet jistgħu jkunu delegati wkoll lil aġenziji nazzjonali u pajjiżi terzi jew jitwettqu b'mod konġunt ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. F'dawn il-każijiet kollha, l-Unjoni Ewropea tiddefinixxi l-mekkaniżmi ta' kontroll meħtieġa u d-Diretturi Ġenerali relevanti jinkludu fir-Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom deskrizzjoni ta' l-ambjent ta' kontroll, u tar-riskji u r-responsabbiltajiet differenti ta' l-atturi kollha involuti. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tista' tassumi b'mod sħiħ ir-responsabbiltà politika tagħha meta tadotta s-sinteżi ta' kisbiet ta' tmexxija.

### 3.3. Ir-rwol ta' l-Istituzzjonijiet l-oħra

Il-**Parlament Ewropew** jeżerċita l-kontroll politiku fuq il-Kummissjoni, b'mod partikolari billi japprova l-ħatra tal-President tal-Kummissjoni, kif ukoll tal-Kulleġġ fl-intier tiegħu, billi għandu l-poter li jadotta mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni, f'liema każ il-Kummissjoni jkollha tirriżenja bħala korp, u billi jistaqsi domandi bil-fomm u bil-kitba, li għalihom il-Kummissjoni tkun mitluba twieġeb. Barra minn hekk, darba f'sena, u fuq rakkomandazzjoni mill-**Kunsill**, il-Parlament Ewropew japprova l-implimentazzjoni tal-baġit tal-KE mill-Kummissjoni, u l-kontijiet tagħha, b'hekk jagħlaq iċ-ċiklu ta' kontabilità għas-sena in kwistjoni (il-"**proċedura ta' approvazzjoni**"). Il-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet li jinstabu fir-riżoluzzjoni ta' approvazzjoni.

Il-**Qorti Ewropea ta' l-Awdituri** hi l-awditur estern tal-Kummissjoni. Il-missjoni tagħha hi li tivverifika b'mod indipendenti l-ġbir u l-infiq ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea u, permezz ta' dan, li tivvaluta l-mod kif l-istituzzjonijiet Ewropej iwettqu dawn il-funzjonijiet. Il-Qorti teżamina jekk l-operazzjonijiet finanzjarji ġewx reġistrati kif xieraq, esegwiti legalment u regolarment u ġestiti b'mod li jiżgura l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività. Il-Qorti turi r-riżultati tal-ħidma tagħha permezz tal-pubblikazzjoni ta' rapporti relevanti, oġġettivi u f'waqthom.

## 4. FTUĦ U TRASPARENZA: IL-PRINĊIPJI TA' GWIDA

Il-Kummissjoni hi impenjata sabiex taħdem b'mod miftuħ. Hi taħdem sabiex **tikkomunika** b'mod attiv dwar dak li tagħmel u d-deċiżjonijiet li tieħu. Qabel tibda leġiżlazzjoni u politiki l-Kummissjoni għandha **tikkonsulta** ħafna: Il-kwalità tal-politika ta' l-UE tiddependi fuq l-assigurazzjoni ta' parteċipazzjoni wiesgħa taċ-ċittadini, ta' l-għaqdiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati kollha tul il-katina ta' politika. Il-Kummissjoni hi impenjata lejn approċċ inklużiv meta tiżviluppa u timplimenta politiki u approvat sett ta' standards minimi interni għall-konsultazzjoni ta' partijiet interessati.

Il-Kummissjoni temmen li t-trasparenza hi meħtieġa sabiex tinbena l-kunfidenza taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll sabiex tiżgura l-leġittimità u l-affidabbiltà ta' l-amministrazzjoni pubblika. Ħadet miżuri differenti f'dan ir-rigward, b'mod partikolari sabiex tiffaċilita **l-aċċess għal dokumenti** miżmuma mill-istituzzjonijiet, sabiex tipprovdi qafas aktar trasparenti għar-relazzjonijiet tagħha mar-rappreżentanti ta' interessi (reġistru u kodiċi ta' mġiba), kif ukoll sabiex tipprovdi tagħrif dwar il-benefiċjarji ta' fondi ta' l-UE, dejjem meta titqies il-ħtieġa li jkun imħares tagħrif sensittiv u klassifikat.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll **reġistru ta' gruppi esperti** sabiex tagħti perspettiva trasparenti tal-korpi konsultattivi li jassistuha u lid-dipartimenti tagħha fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi ta' politika.

Bl-adozzjoni ta' l-**Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza**, li tkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet bħall-forniment ta' aċċess faċli għat-tagħrif eżistenti dwar il-benefiċjarji ta' proġetti u programmi, il-ħtieġa għal qafas aktar strutturat għall-attivitajiet ta' rappreżentattivi ta' interessi u r-regoli u l-istandards dwar l-etika professjonali tat-titulari ta' uffiċċji pubbliċi fl-istituzzjonijiet Ewropej, il-Kummissjoni tkompli taħdem lejn l-ogħla standards possibbli ta' trasparenza fil-ħajja pubblika.

Fin-negozjati kollha tagħha, il-Kummissjoni hi soġġetta għal obbligi legali speċifiċi li jirrigwardaw il-**ħarsien ta' *data* personali** u l-ipproċessar tagħha.

## 5. REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR: IT-TWETTIQ TA' LIĠIJIET LI MINNHOM JIBBENEFIKAW IĊ-ĊITTADINI U L-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Kummissjoni żviluppat politiki u mekkaniżmi komprensivi sabiex tipprovdi qafas regolatorju fl-UE li jkun sempliċi u ta' kwalità tajba ħafna. Dan jinkludi l-azzjonijiet u l-mekkaniżmi ewlenin li ġejjin, relevanti b'mod partikolari għat-tmexxija tax-xogħol tal-Kummissjoni:

### 5.1. Valutazzjoni ta' l-impatt

Fattur importanti biex isiru liġijiet aħjar huwa li tingħata stampa sħiħa ta' l-impatti tagħhom. Il-Kummissjoni hija impenjata li teżamina l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proposti tagħha. Sa mill-2003 l-valutazzjoni ta' l-impatt saret obbligatorja għall-inizjattivi ewlenin kollha ta' politika li jinsabu fil-**Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni (CLWP)**. Flimkien ma' dan, xi proposti oħra, li ma jinsabux fis-CLWP imma li potenzjalment ikollhom impatti sinifikattivi, jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni ta' l-impatt.

F'Novembru ta' l-2006 l-Kummissjoni waqqfet il-**Bord għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt**. Il-Bord hu magħmul minn uffiċjali ta' livell għoli minn dipartimenti differenti tal-Kummissjoni u dan jaħdem taħt l-awtorità diretta tal-President. Jipprovdi kontroll ta' kwalità indipendenti ta' abbozzi ta' valutazzjonjiet ta' impatt imwettqa minn servizzi individwali tal-Kummissjoni.

Meta inizjattiva jew proposta tkun ser ikollha impatt fuq il-baġit Komunitarju, il-Valutazzjoni ta' l-Impatt tkun kombinata ma' evalwazzjoni finanzjarja *ex-ante* skond ir-Regolament Finazjarju.

### 5.2. Ġbir u użu ta’ għarfien espert

Il-Kummissjoni stabbilixxiet prattiki tajbin marbuta **mal-ġbir u l-użu ta' esperti esterni** fl-istadji kollha tat-twettiq ta' politika tal-Kummissjoni (KOM (2002) 713). Jipprevedu li d-Dipartimenti tal-Kummmissjoni għandhom dejjem ifittxu parir ta' kwalità għolja kif xieraq, ikunu miftuħa għat-tiftix u l-azzjoni fuq il-parir mingħand esperti, u jiżguraw li l-metodi tagħha għall-ġbir u l-użu ta' parir espert ikunu effettivi u proporzjonali.

## 6. ETIKA: REGOLI ĊARI U SALVAGWARDJI EFFIĊJENTI

Il-Kummissjoni tistenna livell għoli ta' standards professjonali u etiċi mill-persunal tagħha.

### 6.1. L-Imġiba tal-presunal tal-Kummissjoni

Il-persunal tal-Kummissjoni hu dejjem mistenni li jaġixxi b'mod oġġettiv u imparzjali fl-interess tal-Komunità u għall-ġid pubbliku. Fil-prattika, dawn joperaw f'qafas ta' regoli li jirregolaw il-ħajja professjonali tagħhom, li jinsabu l-aktar fir-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni.

### 6.2. Relazzjonijiet mal-pubbliku

Il-ftuħ u t-trasparenza huma l-prinċipji-gwida għar-relazzjonijiet mal-pubbliku. Il-prinċipji kif ukoll ir-regoli dettaljati huma deskritti fil-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

### 6.3. Il-kunflitti ta’ interess

Jeżistu regoli sabiex ikunu evitati kunflitti ta' interess. Dawn ikopru regoli li jirregolaw l-aċċettazzjoni ta' għotjiet u favuri[2], id-dikjarazzjoni ta' attivitajiet professjonali mwettqa minn konjuġi jew sħab ta' persunal[3], il-ħtieġa għan-notifika ta' każijiet fejn persunal ikollu dmirijiet li jirrigwardaw materji li fihom ikollu interess personali li jista' jeffettwa l-imparzjalità tiegħu[4], u l-ħtieġa li tintalab awtorizzazzjoni minn qabel għal kwalunkwe attivitajiet esterni[5].

Il-Kummissarji għandhom iħarsu prinċipji simili: Għandhom jiddikjaraw l-interessi tagħhom u huma marbuta mill-Kodiċi ta' Mġiba għall-Kummissarji, li jiddefinixxi l-ambjent etiku tagħhom u jistabbilixxi l-prinċipji-gwida għar-relazzjonijiet bejn il-Kummissarji u d-dipartimenti tal-Kummissjoni.

### 6.4. Responsabbiltà finanzjarja tal-persunal

Ir-Regolamenti tal-Persunal jistipulaw li l-persunal tal-Kummissjoni jista' jintalab jagħmel tajjeb, parzjalment jew bis-sħiħ, għal kwalunkwe danni sofferti mill-Komunitajiet b'riżultat ta' mġiba ħażina serja marbuta mat-twettiq tad-dmirijiet.

---

2 L-Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal
3 L-Artikolu 13 tar-Regolamenti tal-Persunal
4 L-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal
5 L-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal

Jeżistu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għal atturi finanzjarji fir-Regolament Finanzjarju.

## 6.5. Salvagwardji: l-assigurazzjoni ta' standards professjonali għoljin

Jiġu applikati proċeduri dixxiplinarji u stħarriġ amministrattiv jekk xi ħadd jonqos milli jħares l-istandards imsemmija hawn fuq. Is-sistema dixxiplinarja tapplika għal kwalunkwe nuqqas milli jiġu rispettati l-obbligi tar-Regolamenti tal-Persunal, sew jekk intenzjonalment kif ukoll jekk b'nuqqas ta' ħsieb.

Barra minn hekk, il-mekkaniżmi ta' *whistle blowing* huma minqux fir-Regolamenti tal-Persunal; Il-persunal tal-Kummissjoni hu marbut bi dmir sabiex jirrapporta frodi jew korruzzjoni possibbli, ta' dannu għall-Komunitajiet, jew xi nuqqas serju ta' konformità ma' l-obbligi professjonali, jew fil-Kummissjoni jew direttament lill-Uffiċċju għal Kontra l-Frodi. (OLAF). Il-persunal ma jsofri l-ebda effetti ta' preġudizzju b'riżultat tal-fatt li jkun ikkomunika dan it-tagħrif.